**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**S.T.O. Prim Imħallef Silvio Camilleri - PRESIDENT**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imhallef Edwina Grima**

**Seduta ta' nhar-it-Tnejn 09 ta' April 2018**

**Att ta' Akkuża**

**Nru. 06/2016**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Erin Tanti**

**Il-Qorti,**

1.Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-akkuzat Erin Tanti, detentur tal-karta ta' l-identita` Maltija 00164791(M), akkuzat talli:

**(1) fil-lejl ta' bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f'dawn il-ġżejjer u senjatament f'Ħad-Dingli, limiti tar-Rabat (Malta), dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna (Lisa Maria Zahra, minuri ta' 15-il sena) jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, ikkaġunalha l-mewt.**

**(2) bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f'dawn il-ġżejjer, ġiegħel lil ħaddieħor (Lisa Maria Zahra, minuri ta' 15-il sena) tiddeċiedi li toqtol ruħha b'idejha, jew taha xi għajnuna.**

**(3) bejn it-Tmintax (18) u d-Dsatax (19) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) u matul il-ġranet u ġimgħat ta' qabel, f'dawn il-ġżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żmenijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' meta din il-persuna kienet vulnerabbli u meta huwa abbuża mill-pożizzjoni rikonoxxuta li kellu ta' fiduċja, awtorita', jew influwenza fuq tali persuna u pperikola l-ħajja ta' tali persuna taħt l-eta'.**

**(4) fil-ġranet, ġimgħat, jew xhur ta' qabel it-Tmintax (18) ta' Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f'dawn il-ġżejjer, b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor jew wera dak ilmaterjal indeċenti, u dan meta r-reat sar minn persuna li lilha ġiet fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, il-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll, jew il-kustodja ta' l-imsemmija persuna taħt l-eta' (Lisa Maria Zahra), kif ukoll meta l-istess persuna taħt l-eta' kienet persuna vulnerabbli.**

**(5) fil-ġranet, ġimgħat, jew xhur ta’ qabel it-Tmintax (18) ta’ Marzu tas-sena Elfejn u Erbatax (2014), f’dawn il-ġżejjer, b’diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda, akkwista, xjentement akkwista aċċess permezz ta’ teknoloġija ta’ informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indeċenti li juri jagħti stampa ta’, jew jirrappreżenta xi persuna ta’ taħt l-eta’, u dan meta r-reat sar minn persuna li lilha ġiet fdata, ukoll jekk biss għal xi żmien, il-kura, l-edukazzjoni, l-istruzzjoni, il-kontroll, jew il-kustodja ta’ l-imsemmija persuna taħt l-eta’ (Lisa Maria Zahra) ), kif ukoll meta l-istess persuna taħt l-eta’ kienet persuna vulnerabbli.**

2. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali tal-20 ta’ Lulju 2017 fejn l-Qorti cahdet l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-akkuzat bl-eccezzjoni tal-emenda ta' l-att ta' akkuza u cioe' li:

Fl-Ewwel Kap: fil-pagna numru 5 ta' l-att ta' akkuza fit-tieni paragrafu l-kliem: "...u xorbu wkoll mill-flixkun tal-whisky li huwa kien ha mieghu." Kif ukoll il-kliem: "...sqiha l-whisky..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza. Fl-istess pagna fit-tielet paragrafu l-kliem: "...bl-alkohol u..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza. Fil-pagna numru 6 ta' l-att ta' akkuza fit-tieni paragrafu l-kliem: "...l-whisky u..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.

Fit-Tieni Kap: Fil-pagna numru 9 ta' l-att ta' akkuza fir-raba' paragrafu l-kliem: "...u xorbu wkoll mill-flixkun tal-whisky." Kif ukoll il-kliem: "...sqiha l-whisky u..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza. Fil-pagna numru 10 ta' l-att ta' akkuza fit-tieni paragrafu l-kliem: "...prokura l-whisky...". kif ukoll il-kliem: "...u l-whisky..." jigu sfilzati mill-att ta' akkuza.

2. Rat ir-rikors ta’ l-appell imressaq mill-akkuzat fl-24 ta’ Lulju 2017 li bih u ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tirriforma is-sentenza ta’ l-Ewwel Qorti billi tikkonfermaha fil-parti fejn ordnat emenda fl-

Att ta' l-Akkuza u thassarha u tirrevokaha ghal bqija u minflok tilqa' l-eccezzjonijiet sollevati minnu u tghaddi sabiex taghti d-direttivi opportuni ai termini ta'l-artikolu 499(6) tal-Kodici Kriminali.

3. Rat il-verbal tas-seduta tat-08 ta' Marzu 2018 fejn il-partijiet permezz ta' l-avukati taghhom strahu fuq l-atti bil-miktub sottomessi minnhom u tallbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza fuq tali sottomissjonijiet.

4. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat,**

5. Illi qabel ma tinoltra ruhha f'ezami tal-lanjanzi imqanqla mill-appellant fir-rikors tieghu tal-appell, din il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-aggravvji kif redatti ma huma xejn ghajr repetizzjoni kwazi kelma b'kelma tal-eccezzjonijiet imressqa minnu fin-nota ta'l-eccezzjonijiet ipprezentata quddiem l-Ewwel Qorti fis-27 ta' Mejju 2016. Illi din il-Qorti ta' revizjoni fil-mansjonijiet rimessi liha bil-ligi ma hijiex imsejjha biex tiddeciedi mill-gdid l-eccezzjonijiet sollevati mill-appellant, billi dawn diga` gew decizi mill-Ewwel Qorti, izda trid tara jekk tali decizjoni setghatx kienet wahda errata u dan biss ghal dawk ir-ragunijiet migjuba 'il quddiem mill-persuna tal-appellant fir-rikors ta' l-appell. Issa huwa bil-wisq evidenti illi l-appellant ma qabilx mad-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti li cahhdet l-eccezzjonijiet minnu sollevati, izda l-appell tieghu minn tali decizjoni irid ikun imsejjes fuq ragunijiet li bihom huwa hassu aggravat, ragunijiet fejn fil-fehma tieghu errat l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, ragunijiet li fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-kaz huma nieqsa. Dan maghdud, madanakollu, ma jistax jinghad illi tali nuqqas igib mieghu n-nullita tar-rikors ta' l-appell ghalkemm

huwa desiderabbli u anzi mistenni li l-appellant iressaq xi kritika diretta lejn id-decizjoni appellata u mhux lejn l-att ta' l-akkuza kif redatta mill-Avukat Generali kif fil-fatt ghamel bir-repetizzjoni kif inghad ta' l-eccezzjonijiet minnu imqanqla.

6. Maghmula dina l-osservazzjoni l-Qorti sejra tghaddi biex tezamina *serjatim* l-aggravvji imqanqla mill-appellant, bl-ewwel wiehed jattakka l-validita ta' l-Att ta' l-Akkuza innifisha fl-intier taghha.

7. Illi l-appellant **fl-ewwel aggravvju** minnu intentat isib oggezzjoni ghal fatt illi l-Ewwel Qorti cahhdet l-ewwel eccezzjoni tieghu rigward id-dicitura adoperata mill-Avukat Generali fil-parti narrattiva ta' l-Att ta' l-Akkuza billi jishaq illi din kienet wahda iddramattizata intiza biss biex timpressjona lill-gurati u tixhet dawl ikrah fuqu, b'dan ghalhekk illi ser jinholoq pregudizzju irrimeddjabli ghalih.

8. Illi l-Ewwel Qorti iddecidiet hekk dwar din l-eccezzjoni:

> "**Hu stabbilit li n-narrazzjoni tal-fatti kif spjegati mill-Avukat Generali fl-att ta' akkuza ma jorbtu b'ebda mod lill-gurati. Dan hu kuncett li l-imhallef fil- bidu tal-guri u matul il-kors kollu ta' l-istess ser jenfazizza lill-gurati. Ghalhekk, dan il-punt zgur li f'ebda hin ma jista' jgib in-nullita' ta' l-att ta' akkuza.**"

9. Issa l-ligi thalli fid-diskrezzjoni ta'l-Avukat Generali li ifassal l-att ta' l-akkuza u l-kapi rispettivi kontenenti l-akkuzi imressqa fil-konfront tal-persuna akkuzata. L-Avukat Generali huwa marbut taht il-ligi taghna b'dak li jinghad fl-artikolu 589 tal-Kap.9 li jiddisponi hekk:

> **"L-att tal-akkuża jsir fl-isem tar-Repubblika ta' Malta, u għandu –**

**(a) isemmi l-qorti li jinġieb quddiemha;**

**(b) jagħti ċar il-partikularitajiet tal-akkużat;**

**(ċ) ifisser il-fatt li jikkostitwixxi r-reat, bil-partikularitajiet li jkunu jistgħu jingħataw dwar iż- żmien u l-lok li fihom ikun sar il-fatt u dwar il-persuna li kontra tagħha r-reat ikun sar, flimkien maċ- ċirkostanzi kollha li, skont il-liġi u fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, jistgħu jkabbru jew inaqqsu l-piena; u**

**(d) jispiċċa b'ġabra fil-qosor li fiha l-imputat jiġi akkużat tar-reat kif miġjub jew imfisser fil-liġi, u bit-talba sabiex jitmexxa kontra l-akkużat skont il-liġi, u sabiex l-istess akkużat jiġi ikkundannat għall-piena stabbilita mil-liġi jew għal kull piena oħra li skont il-liġi tista' tingħata skont kif jiġi iddikjarat ħati l-akkużat."**

10. Issa l-fatti esposti mill-Avukat Generali fil-parti espozittiva ta' l-Att ta' l-Akkuza huma fatti li johorgu mill-provi migbura fil-kumpilazzjoni u ghalkemm id-dicitura adoperata tixbah rakkont madanakollu ma jirrizultax xi dramattizazzjoni kif allegat mill-appellant jew inkella xi fatti li l-Avukat Generali ivvinta jew zejjen biex joholqu xi impressjoni fuq il-gurija popolari. Din il-Qorti ezaminat l-atti tal-kumpilazzjoni u senjatament ix-xhieda tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv, l-Ispettur Keith Arnaud, u issib li l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali, inkluz allura id-diskors li sar bejn il-vittma u l-appellanti ftit minuti qabel ma sehh l-event kriminuz, kollha irrizultaw mill-investigazzjonijiet illi saru mill-pulizija. Issa jekk dawk il-fatti humiex ippruvati o meno, jew jekk il-prova li fuqha huma ibbazati dawk il-fatti ghandhiex valur probatorju o meno, hija kwistjoni li trid tigi determinata biss mill-gurati fil-kors tal-guri.

11. Fuq kollox, kif tajjeb irrilevat l-Ewwel Qorti, dawk il-fatti li l-Avukat Generali jislet mill-atti kumpilatorji sabiex fuqhom jibni l-parti narrattiva ta' l-att ta' l-akkuza bl-ebda mod ma jorbtu lil min hu imsejjah biex jiggudika u l-gurija popolari dejjem tigi imwissija f'dan is-sens mill-imhallef togat, kif hekk ghandu

isir ukoll f'dan il-kaz. Lanqas ma jista' l-appellant jallega illi b'tali esposizzjoni tal-fatti mill-Avukat Generali jista' jigi ippregudikat il-jedd tieghu ghal smigh xieraq  gjaldarba huwa sejjer ighaddi process gudizzjarju fejn il-Prosekuzzjoni ghandha tressaq il-provi in sostenn ta' l-akkuzi minnha ipprospettati fl-Att ta' l-Akkuza, bid-dritt ta'l-akkuzat li iressaq difiza xierqa u adegwata fejn ikollu kull opportunita` jipprova ixejjen il-provi hekk migjuba 'il quddiem. Ghal dawn il-motivi dan l-ewwel aggravvju qed jigi michud billi ma jirrizutax illi l-Avukat Generali mar kontra id-disposizzjonijiet ta'l-artikolu 589 tal-Kodici Kriminali f'liema cirkostanza biss allura setghet tirrizulta in-nullita` ta' l-Att ta' l-Akkuza.

12. Illi **t-tieni u it-tielet lanjanzi** migjuba 'il quddiem mill-appellant huma marbuta ma' xulxin billi huwa jilmenta illi l-fatti kif esposti mill-Avukat Generali fl-Att ta'l-Akkuza ma jistghux iwasslu ghal kummissjoni ta' zewg reati li huma kontradittorji ghal xulxin u cioe' dak tal-omicidju volontarju, kif ukoll tas-suwicidju assistit. Dan ghaliex jishaq illi l-intenzjoni kriminuza mehtiega sabiex jissussistu dawn iz-zewg reati hija kompletament differenti, bl-ewwel wahda tenhtieg l-intenzjoni pozittiva u diretta sabiex titnehha l-hajja, intenzjoni ghal kollox nieqsa fit-tieni reat. Ghalhekk gjaldarba iqies illi  dawn ma jistghux ikunu akkuzi alternattivi ghal xulxin jew inkella reati komprizi u involuti f'xulxin, allura l-appellant ma jistax jigi addebitat bil-kummissjoni tat-tnejn f'daqqa, bl-Avukat Generali allura irid jaghzel liema reat huwa aktar indikat ghall-fattispecje tal-kaz in dizamina. Jikkontendi finalment illi l-fatti kif esposti ma jistghu qatt iwasslu ghar-reat ta'l-omicidju volontarju u dan billi kif inghad l-intenzjoni kriminuza mehtiega sabiex jissussisti dan ir-reat huwa nieqes.

13. Iddecidiet hekk l-Ewwel Qorti dwar dan l-ilment:

***"…. ma hemm ebda indikazzjoni mill-Avukat Generali li dawn iz-zewg akkuzi huma alternattivi ghal xulxin. Dawn huma zewg akkuzi separati u ma hemm ebda prekluzjoni ghall-Avukat Generali li jaghmel hekk. Dan hu fatt li l-gurati jridu jistabilixxu waqt il-guri wara li jisimghu l-provi mresssqa ghall-attenzjoni taghhom. Mhuwiex il-kompitu ta' din l-Qorti li tidhol fil-fatti tal-kaz billi dik hi s-saltna tal-gurija."***

14. Illi l-artikolu 593 tal-Kodici Kriminali jipprospetta din is-sitwazzjoni fejn l-akkuzat jigi mixli b'iktar mir-reat wiehed li jistghu jkunu konnessi u jistghu ma jkunux, fejn hemmhekk allura l-Avukat Generali ghandu jifred dawn ir-reati f'kapijiet separati li ghandhom jitqiesu b'mod indipendenti minn xulxin, sakemm fil-kors tal-guri ma jkunx jirrizulta illi 'l wiehed ghandu jkun alternattiv ghall-iehor jew inkella kompriz u involut f'kap iehor, fejn allura l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direttivi opportuni lill-gurati meta jigu biex jaghtu d-decizjoni taghhom fuq kull kap separatament fil-verdett finali.

***"An indictment may contain counts in which the allegations made in one count are inconsistent with the allegations made in another count. In such a case, both counts may properly be pursued and left to the jury as alternatives if there is a case to answer made out on each. It is then for the jury to decide which, if either, of the counts is made out: R. v. Bellam [1989] A.C. 836, HL (Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice 2001, para. 1-113a, p. 54)***

"***Meta l-Kodici jitkellem dwar x'ghandu jkun fih l-Att ta' Akkuza – Artikolu 589 – hu evidenti li hawn il-legislatur qed jikkontempla Att ta' Akkuza li jkun fih akkuza ta' reat wiehed biss. In fatti l-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 589 jitkellem dwar "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat",***

***u l-paragrafu (d) juza l-kliem "…l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi". Hija prassi inveterata fil-Qorti Kriminali li jekk fl-Att ta' Akkuza l-Avukat Generali jrid jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed, huwa jaqsam l-Att ta' Akkuza f'daqstant kapi daqs kemm ikun hemm reati li bihom ikun qed jakkuza, u dan irrispettivament minn jekk l-akkuzi jkunux konnessi o meno ma' xulxin fis-sens tal-Artikolu 592. Wiehed jista' jghid, u din il-Qorti qieghda f'dan is-sens tafferma, li kemm il-prassi kif ukoll il-gurisprudenza stabbilew li dik il-parti tal-Artikolu 593(1) tal-Kodici Kriminali li tghid li …l-att ta' l-akkuza ghandu jinqasam f'diversi kapi, u f'kull wiehed minnhom ghandha tithares id-disposizzjoni ta' l-artikolu 589 tapplika mhux biss meta r-reati ma jkunux konnessi izda anke meta jkunu hekk konnessi. Kieku ma kienx hekk, u kieku l-Avukat Generali jista' jakkuza lil persuna b'aktar minn reat wiehed minghajr ma jaqsam l-Att ta' Akkuza f'diversi kapi, mhux biss jista' l-akkuzat jigi pregudikat fid-difiza tieghu, izda jkun kwazi impossibbli li wiehed japplika sew l-Artikolu 467 tal-Kodici Kriminali li jitkellem dwar kif il-gurati ghandhom jaghtu l-verdett taghhom. ...***

***Minn dan kollu jitnissel li kull kap hu indipendenti minn kull kap iehor, <u>tant li jista' jkollok addirittura kapi li jikkontradicu lil xulxin."</u>*** (sottolinjar tal-Qorti)

***Din il-Qorti taghmilha cara li f'dana l-istadju ma hi b'ebda mod qed torbot idejn il-Qorti Kriminali dwar kif dik il-Qorti ghandha tittratta maz-zewg kapi in ezami – it-tieni u t-tielet kap – u cioe` jekk dawn ghandhomx jitqiesu bhala alternattivi o meno. Jekk dawn ghandhomx hekk jitqiesu hija kwistjoni li ghadha miftuha, u li din il-Qorti ma tarax li ghandha tiddecidiha f'dana l-istadju.[1]"***

15. Afferrati dawn il-principji legali u dottrinali, allura dina l-Qorti ma tistax tirriavviza l-ebda nullita` fit-tieni u it-tielet Kapi ta'l-Att ta'l-Akkuza, kif ipprospettat mid-difiza, ghas-semplici raguni li dawn jistghu jidhru kontradittorji ghal xulxin billi kif inghad dawn ma humiex marbuta flimkien,

[1] Ir-Repubblika ta' Malta vs Laurence Gatt omissis – 22/05/2003 App.Sup

izda ghandhom jinqraw indipendentement minn xulxin b'dan ghalhekk illi jispetta lill-gurati jistabbilixxu liema min dawn ir-reati, fil-fehma taghhom, jinsab ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni mill-fatti esposti waqt il-guri, u dan wara li jinghataw id-debita direzzjoni fil-ligi applikabbli ghalihom mill-Imhallef li jippresjedi l-guri. Il-Qorti qieghda ghalhekk tichad dawn z-zewg aggravvji bir-riserva illi jekk ikun il-kaz, tinghata direzzjoni opportuna lill-gurati fit-termini ta'l-artikolu 467 tal-Kodici Kriminali.

16. Illi r-**raba aggravvju** imressaq mill-appellant huwa mera tar-raba eccezzjoni sollevata minnu fejn huwa jattakka il-hames Kap ta' l-Att ta' l-Akkuza billi fil-fehma tieghu ir-reat ipprospettat mill-Avukat Generali f'dan il-Kap, bl-aggravvanti ghall-istess ma jirrizulta bl-ebda mod mill-provi migbura waqt l-Istruttorja.

17. Qalet hekk l-ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata:

> ***"Illi fir-raba' eccezzjoni, l-akkuzat qed jecepixxi n-nullita' tal-hames kap ta' l-att ta' akkuza. Illi r-raguni ghal dan hu li l-mobile in kwistjoni fejn instab il-materjal inkriminanti kien tal-vittma. L-Avukat Generali hu tal-fehma li hemm provi bizzejjed ghal din l-akkuza. Fic-cirkostanzi, hu car li dan il-fatt ghandu jithalla f'idejn il-gurati u ma hemm ebda nullita' ta' dan il-kap."***

18. Illi l-Avukat Generali fil-hames Kap tal-Att ta'l-Akuza jixli lill-appellanti bir-reat mahsub fl-artikolu 208A(1B) tal-Kodici Kriminali u cioe' dak tal-pussess ta' materjal pornografiku u indicenti ta' persuna taht l-eta', bl-aggravvanti mahsub fl-artikolu 208AC(b) fejn il-vittma titqies li hija persuna vulnerabbli fit-termini tas-sub-inciz (2) ta'l-istess artikolu tal-ligi.

19. Issa l-Avukat Generali jilqa' ghal din l-oggezzjoni billi jishaq illi mill-atti kumpilatorji tirrizulta l-prova illi fit-telefown cellulari ta' Lisa Marie Zahra

instabu diversi ritratti taghha minghajr hwejjeg tippoza quddiem mera fejn f'uhud minn dawn ir-ritratti jidher rifless f'din il-mera l-figura ta' l-appellant jigbed dawn ir-ritratti. Kwindi fil-fehma tieghu bil-fatt illi l-apparat uzat sabiex jittiehdu dawn ir-ritratti kien jappartjeni lill-vittma bl-ebda mod ma jista' jeskludi r-reat kif mahsub minnu f'dan il-Hames Kap bl-aggravvanti, tenut kont ta' l-eta` tal-vittma u r-relazzjoni partikolari li kien hemm bejnha u l-appellant li kien ghalliem taghha.

20. Illi din il-Qorti f'dan il-kaz ukoll a skans ta' repetizzjoni taghmel referenza ghall-motivazzjonijiet maghmula in konnessjoni mal-ewwel aggravvju u tirribadixxi ghal darb'ohra illi kwistjonijiet dwar fatti ghandhom jithallew interament f'idejn il-gurija minghajr ebda intervent mill-Qorti hlief sabiex tinghata direzzjoni opportuna kif inghad. Il-fatt illi l-apparat uzat ghat-tehid tar-ritratti indicenti tal-vittma kienx jappartjeni lilha ma jistax iwassal lil din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, sabiex teskludi *a priori* ir-reita' ghall-akkuza addebitata lill-appellanti f'dan il-Kap. Lanqas ma jista' jinghad illi bil-fatti kif esposti mill-Avukat Generali f'dan il-Kap ma johrogx ir-reat fis-sustanza tieghu, billi minn tali fatti gustament l-Avukat Generali silet ir-reat kif mahsub fl-artikolu suiccitat u l-ebda reat iehor. Kwindi fis-sustanza l-fatti kif deskritti iwasslu ghar-reat tal-pussess ta' materjal indicenti ta' persuna taht l-eta. Issa jekk tali reat huwiex ippruvat o meno jista' jigi imholli biss f'idejn l-imhallfin tal-fatt u hadd izjed. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravvju qed jigi michud.

21. L-appellant fil-**hames aggravvj**u minnu intentat qed issib oggezzjoni ghall-ahhar erbatax-il paragrafu mix-xhieda ta'l-Ispettur Keith Arnaud moghtija fil-kors ta'l-Istruttorja fl-10 ta' April 2014. L-Avukat Generali jilqa' ghal dan l-aggravvju meta jishaq illi din il-parti tax-xhieda tal-Ispettur Keith Arnaud ma

tistax titqies illi hija *hearsay evidence* u dan billi huwa qieghed jixhed b'mod holistiku dwar dak li rrizultalu mill-investigazzjoni kondotta minnu. Dan iktar u iktar ghaliex matul il-kors tal-guri, il-Prosekuzzjoni hija obbligata tressaq dawk il-provi kollha in sostenn ta' dak mistqarr mill-Ufficjal Investigattiv u dan sabiex il-fatti uminnu iddikjarati jigu ippruvati.

22. L-Ewwel Qorti iddecidiet hekk fir-rigward:

> ***"Hu car li l-ispettur li nvestiga l-kaz ikollu a dispozizzjoni tieghu provi li jistghu jirrizultaw minn hearsay evidence. Izda, hu daqstant, car li matul il-kors tal-guri l-istess spettur irid jipprova dak kollu li qed jghid permezz ta' xhieda u dokumenti. Fin-nuqqas ta' din l-ipotezi l-imhallef tal-guri jkollu l-obligu li jispjega lill-gurati dan il-kuncett bil-konsegwenzi kollha tieghu.***"

23. Illi l-posizzjoni tal-Ufficjal Prosekutur u Investigattiv meta huwa jaghti ix-xhieda tieghu sabiex jispjega il-kors li ha l-istharrig minnu kondott ai fini li jasal ghal malvivent, hija xi ftit jew wisq differenti minn dak tax-xhud ordinarju billi fix-xhieda tieghu huwa irid necessarjament jaghti stampa ta' dak li wasslu sabiex jigu istitwiti l-proceduri penali fil-konfront tal-persuna akkuzata. Dan ifisser illi l-Ufficjal Prosekutur jista' jaghmel prova shiha ta' dak li jkun intqal lilu fil-kors ta' l-investigazzjonijiet, b'dan illi imbaghad ghandha tingieb il-prova tal-kontenut ta' dak id-diskors billi jigi prodott ix-xhud li ikun ipprovda dik l-informazzjoni.

24. Dan dejjem irid isir bis-salvagwardji kollha li taghti l-ligi fejn allura l-Imhallef togat ghandu jaghti id-direzzjonijiet opportuni lill-gurati in konnessjoni mar-regola tal-*hearsay evidence* u liema piz ghandha tinghata lil din ix-xhieda.

> <u>**"din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża *a priori* iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni**</u>

**tiegħu skont iċ-ċirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. …..**[2]" (sottolinjar tal-Qorti)

25. Illi l-Qorti ezaminat l-ahhar erbatax-il paragrafu mix-xhieda tal-Ispettur Arnaud tal-10 ta' April 2014 li hija f'forma ta' domanda u risposta mill-Avukat tal-parte Civile Dr. Joseph Giglio diretta lejn l-Ispettur Arnaud u dan fir-rigward ta' uzu ta' isem immaginarju mill-appellant f'xi lezzjoni ta' drama li kellu mal-istudenti tieghu madwar gimgha qabel l-event kriminuz. Illi dak li jitkellem dwaru x-xhud, u dan bi twegiba ghall-mistoqsijiet li kienu qed isirulu mill-parte civile, u li *del resto* d-difiza ma oggezzjonatx ghalihom, ukoll huwa parti minn dak li irrizultalu x-xhud fil-kors ta' l-investigazzjonijiet kondotti minnu f'dan il-kaz. Kwindi jekk tali affermazzjoni minnu maghmula tigix riaffermata fix-xhieda tieghu matul il-guri u f'din l-evenjenza jekk tali allegazzjoni tigix ikkonfermata bil-gurament minn min kien prezenti ghal dawn il-lezzjonijiet hija prova li tispetta lill-Prosekuzzjoni u fin-nuqqas biss illi jigi prodott tali xhud, allura din l-affermazzjoni jekk terga' issir mix-xhud tkun tista' tikkostitwixxi 'l hekk imsejjah *hearsay evidence*. Izda din il-Qorti ma tistax *a priori* teskludi l-ammissibbilita' ta tali prova. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravvju qed jigi michud.

26. Illi s-**sitt, is-sebgha u t-tmien aggravvji** ser jigu trattati flimkien billi jitkellmu dwar l-inammissibilita` ta' estratti mix-xhieda moghtija mil-Lance Bumbardier Pierre Cassar fil-kors tal-kumpilazzjoni u dan fit-28 ta' April

[22] Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi App.Sup 28/06/2012 fejn il-Qorti studjat *funditus* ir-regola dwar il-*hearsay evidence*.

2014 imsejsa fuq il-premessa illi dak allegat mix-xhud f'dawn l-estratti hija biss opinjoni u kwindi gjaldarba x-xhud ma huwiex espert tal-Qorti, fil-fehma tal-appellanti huwa ma setax jesprimi l-ebda opinjoni, izda jista' jixhed biss fuq il-fatti tal-kaz u xejn izjed. L-appellant isib oggezzjoni ghal paragarafi 56, 57, 64, 65, 66, 67, 68, 69, 70, 199 u 200 tax-xhieda ta' l-imsemmi xhud kollha ghall-istess raguni u dan kif inghad billi fil-fehma tieghu dawn huma biss opinjoni tax-xhud.

27. L-Ewwel Qorti stqarret fir-rigward ta' din l-oggezzjoni illi:

> ***"Tali xhieda ma tistax tigi sfilzata 'a priori'. Imiss lill-Imhallef li ser imexxi l-guri li jaghti dawk l-indikazzjoni kollha necessarji lill-gurati biex ikunu jistghu jiddistingwu l-opinjoni mill-fatti."***

28. Illi fil-paragrafi kollha li jindika l-appellanti f'dan l-aggravvju kif rifless fis-seba, tmien u disgha eccezzjoni minnu imqanqla, ix-xhud Lance Bombardier Pierre Cassar, addett mal-Forzi Armati ta' Malta u li kien involut fl-operazzjoni ta' salvatagg ta' l-appellanti minn fuq l-irdumijiet ta' Had Dingli, kien wera t-thassib tieghu dwar dak mistqarr lilu mill-appellanti *in situ* meta indikalu l-post minn fejn kien waqa'. Dan ghaliex fil-fehma tieghu billi dak il-hin ix-xhud ikkonstata illi din kienet waqgha mill-gholi hafna allura jistqarr li ippretenda illi jara griehi ferm aktar gravi fuq l-appellanti minn dawk li kien ikkonstata *ictu oculi*. Illi allura ix-xhud hawnhekk kien qed jaghti deskrizzjoni ta' dak li kien qed jikkonstata b'ghajnejh u cioe' l-gholi minn fejn l-appellanti kien qed jindikalu li waqa' meta imqabbel mal-griehi li kien qed jikkonstata b'ghajnejh fuq il-persuna tal-appellanti. Illi *di piu'* l-Avukat Generali jikkontendi illi dak affermat

minn dan ix-xhud isib konfort fir-rapporti tal-esperti nominati mill-Qorti u cioe' l-espert Dr. Saviour Formosa u l-espert mediko-legali.

29. Illi din il-Qorti tqies illi dan l-aggravvju ukoll ma jisthoqqlux akkoljiment. Ibda biex ix-xhud Lance Bombardier Pierre Cassar huwa wiehed mix-xhieda indikati mill-Prosekuzzjoni li ser jigi prodott biex jixhed *viva voce* quddiem il-gurija popolari. Ma jidhirx, ghall-inqas sa dan l-istadju tal-proceduri, illi hemm xi impediment legittimu sabiex dan ix-xhud jiddeponi. Illi di piu', kif inghad, dak affermat minnu jikkostitwixxi kostatazzjoni ta' fatt u mhux opinjoni ghajr ghal dik il-parti tax-xhieda fejn huwa qal illi l-feriti li ikkonstata ma kenux kompatibbli mal-waqgha mill-gholi li kien qed jindikalu l-appellanti. Dwar in-natura tal-griehi sofferti mill-appellanti u jekk l-istess humiex kompatibbli ma' waqgha mill-gholi o meno, din l-opinjoni generalment tinghata mill-espert mediko legali sabiex ghalhekk fil-kors tal-guri l-Imhallef togat ghandu jaghti d-direzzjoni opportuna lix-xhud sabiex jixhed fuq il-fatti konstatati minnu *ictu oculi* u mhux jaghti xi opinjoni fir-rigward. Illi allura salv li ghandu ikun hemm is-salvagwardja indikata, dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi michud.

30. Illi fid-**disgha u l-ghaxar aggravvji** l-appellant jilmenta dwar l-inammissibilita` tad-Dokumenti KA 13 u KA 14 bhala evidenza. Illi minn ezami tal-atti kumpilatorji, jirrizulta illi dawn iz-zewg dokumenti gew esebiti mill-Ufficjal Prosekutur, l-Ispettur Keith Arnaud fil-kors tax-xhieda moghtija minnu fl-Istruttorja fis-07 ta' April 2014 fejn xehed hekk:

> “***Qed nesebixxi ukoll zewg ritratti ohrajn dok KA 13 u dok KA 14 li huma zewg ritratti li sibna fil-profile ta’ Erin li ghamilna referenza ghalihom fl-interrogazzjoni***.”

31. Illi din il-Qorti fliet dawn iz-zewg dokumenti li jirrizulta li huma stampi jew ritratti imtellghin fuq siti elettronici (*screenshots*) , senjatament il-*facebook*, fejn hemm indikat l-isem ta’l-appellant.

32. Iddecidiet hekk l-Ewwel Qorti dwar din l-eccezzjoni marbuta mad-Dokumenti indikati f’dan l-aggravvju:

> ***“Fil-fehma ta' din il-Qorti, fl-ewwel lok ghandu jigi rilevat li l-Qorti ma tafx jekk dawn id-dokumenti ser jigu uzati mill-Avukat Generali. F'kaz bhal dan ikun imiss lill-imhallef tal-guri biex jivvaluta l-lanjanza tal-akkuzat proprju fil-guri.”***

33. Illi qabel ma tinoltra ruhha fil-kontenut tad-dokumenti li ghalihom jaghmel referenza l-akkuzat f’dina l-eccezzjoni minnu imqanqla, jinghad illi l-ligi tippostula distinzjoni bejn il-valur probatorju ta’ evidenza u inammissibilita’ taghha biex b’hekk prova tista’ tkun ammissibbi izda madanakollu minghajr ebda valur probatorju billi per ezempju ma tigix awtentikata, jew ma jigix indikat il-persuna li irrediega l-istess, jew l-origini ta’ l-istess.

34. Jinkombi fuq il-Qorti Kriminali biex imbaghad fl-istadju opportun tispjega lill-gurati l-piz li ghandha tinghata lix-xhieda u ir-rilevanza ta’ l-istess u dan skond ir-regoli stabbiliti fid-dritt penali ghar-rigward tal-apprezzament tal-provi. Illi allura il-Qorti trid timxi b’cirkospezzjoni kbira sabiex tqies jekk il-prova li l-akkuzat qed ifittex li ixejjen tmurx kontra l-ispirtu tal-ligi li tirregola l-valur probatorju jew l-ammissibbilita` taghha.

35. Din id-distinzjoni giet spjegata mill-Qorti Kriminali kolleggjalment komposta fis-sentenza taghha tal- 4 ta' Jannar, 1929 in re SUA MAESTA` IL RE - VS - AVV. DR.C.MIFSUD BONNICI E CALCEDONIO BUSUTTIL fejn kien inghad:

> ***"'Occorre, per ragion di principio, distinguere, in riguardo ad un mezzo di prova offerta dall'accusa o dalla difesa, nel contrasto sull'ammissibilita` o meno dello stesso, se la quistione si riferisca alle condizioni giuridiche del mezzo di prova in se stesso, ovvero invece alle condizioni di ragione del mezzo di prova per poter questo essere considerato importante rispetto a qualunque degli elementi del fatto giuridico in controversia. Nel primo caso la quistione e` veramente una di ammissibilita` del mezzo di prova....nel secondo caso la quistione `' propriamente quella di rilevanza della prova.....[3]'***

36. Illi kif inghad dawn id-dokumenti tnizzlu minn fuq sit elettroniku u cioe' minn fuq il-facebook u kwindi l-persuna li hadet hsieb tnizzel dawn ir-ritratti minn fuq dan is-sit tista' tikkonferma l-origini taghhom minn fuq is-sit accessat minnha, u lil min jappartjeni dak il-profil elettroniku. Kwindi din il-Qorti ma tistax *a priori* tqies l-istess bhala prova inammissibbli u dan qabel is-smigh tal-guri.

37. Jispetta lill-Imhallef togat illi fl-indirizz finali tieghu jaghti id-direzzjoni opportuna legali lill-gurati dwar il-valur probatorju tal-evidenza prodotta. Kif gie deciz fis-sentenza *Kajal vs Noble* (1982)(Cr.App):

> "***Nowadays we do not confine ourselves to the best evidence. We admit all relevant evidence. The goodness or badness of it goes only to the weight and not to the admissibility***"

38. Din il-Qorti rriteniet li:

---

[3] Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ahmed El Gamoudi deciza 10/11/2011 – App. Sup

***"... L-abbuż hu possibbli għar-rigward ta' kull regola legali tal-evidenza iżda dan ma jfissirx li minħabba tali possibilita` ta' abbuż dik ir-regola għandha tiġi skartata. Ir-rimedju hu dak li pprovdiet il-liġi u ċioe` li l-Imħallef li jkun jippresjedi l-ġuri ma jħallix l-abbuż jiġri suġġett dejjem għas-salvagward aħħari tad-dritt tal-appell tal-akkużati fl-eventwalita` li l-Imħallef jonqos milli jeżerċita sew is-setgħat tiegħu skond il-liġi.[4]"***

39. Issa dawn iz-zewg stampi li jidhru fuq id-dokumenti esebieti mill-Ufficjal Prosekutur fil-kors tax-xhieda tieghu fil-kumpilazzjoni gew miksuba minn fuq il-profil elettroniku ta'l-appellant tal-*facebook.* Fil-fatt, kif inghad, huma *screenshots* misjuba fil-pagna tal-*facebook* tieghu. Mhux biss izda saret referenza ghalihom mill-Ufficjal Investigattiv fil-kors tal-interrogazzjoni ta' l-appellant. Illi allura ma jidhirx illi tali prova giet miksuba b'mezzi illegali u li allura l-appellant ma hux ser ikollu kontroll fuq tali prova, billi allegatament dawn ittiehdu mill-profil tieghu stess fuq il-*facebook*. Issa fl-eventwalita` li dawn id-dokumenti jigu mghoddija lill-gurati mill-Prosekuzzjoni fil-kors tal-guri, hemmhekk biss jista' jigi imwiezen il-valur probatorju taghhom, u mhux qabel. Ghal dawn il-motivi ghalhekk dan l-aggravvju qed jigi michud.

40. L-istess jista' jinghad fir-rigward tal-**hdax-il aggravvju** imqanqal mill-appellant fejn huwa isib oggezzjoni ghal produzzjoni tar-ritratti mehuda mill-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri u annessi mar-rapport tieghu, liema ritratti juru l-process li sehh waqt l-awtopsja ta' Lisa Marie Zahra. Dan ghaliex jishaq illi dawn l-immagini jistghu jiddisturbaw is-serenita tal-gudizzju tal-gurija sabiex b'hekk l-appellant isofri pregudizzju irrimedjabbli. Dan iktar u iktar meta jidher illi d-difiza mhijiex qed tikkontesta l-fatt illi Zahra mietet konsegwenza tal-griehi gravi li garrbet fil-waqgha mill-Irdum ta' Had Dingli.

---

[4] Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella u Jason Said. App.Sup. 30/07/2015

41. L-Ewwel Qorti qalet dan fir-rigward ta' dawn ir-ritratti:

> ***"Hi prassi ta' din il-Qorti, kif presjeduta li qabel ir-ritratti jintwerew lill-guri jsir ezercizzju maz-zewg partijiet biex jigi stabbilit liema ritratti ghandhom jigu murija. It-talba tal-akkuzat biex ir-ritratti kollha jigu sfilzati qatt ma tista' tigi milqugha minhabba l-fatt li dawn ir-ritratti huma prova ammissibbli."***

42. Fil-fatt l-Avukat Generali jikkoncedi illi l-Qorti dejjem taghmel l-ezercizzju li jissemma fid-decizjoni impunjata u dan ghal fini sabiex jigi stabbilit ir-rilevanza o meno bhala prova ta' dawn ir-ritratti. Jargumenta allura illi dawn ir-ritratti huma ammissibbli bhala prova, ghalkemm jistghu ma jkunux rilevanti ghalbiex isir il-gudizzju fuq l-akkuzi addebitati lill-appellanti.

43. Illi l-appellant jidher illi qed isejjes l-argument tieghu fuq l-ammissibbilita` ta' tali prova fuq il-fatt illi l-istess jista' jiddisturba il-gudizzju seren tal-gurati biex b'hekk jinholoq pregudizzju irrimedjabbli ghalih. Illi bir-rispett kollu ma hemm l-ebda disposizzjoni tal-ligi penali nostran li jeskludi l-ammissibilita` ta' prova ghas-semplici raguni illi dawn jistghu jikkontjenu xeni li b'xi mod jiddisturbaw l-emozzjonijiet ta' min qieghed jarahom. Kieku din il-Qorti kellha taccetta dina l-linja ta' argumentazzjoni, allura kull ritratt mehud mill-esperti tal-Qorti li juru x-xena ta' reat li huma xokkanti fid-dehra taghhom minhabba l-immagini li qed jipprojettaw jitqies li huwa inammissibbli. Illi dan l-aggravvju ghalhekk huwa in kwantu fieragh u qed jigi rigettat, iktar u iktar fid-dawl ta' dak mistqarr mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni impunjata dwar l-ezercizzju li ser isir minnha, bi qbil bejn il-partijiet dwar liema ritratti ghandhom jintwerew lill-gurija, ghalkemm fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax jinghad illi dawn ir-ritratti ma ghandhomx rilevanza bhala prova.

44. Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi, il-Qorti qieghda tichad l-appell b'dan illi fil-kors tal-guri ghandha tinghata d-direzzjoni opportuna lill-Imhallfin tal-fatt kif hawn fuq indikat. Tordna li l-atti jintbagħtu lura lill-Qorti Kriminali sabiex din tipproċedi ulterjorment fil-konfront ta' l-appellant.

(ft) Imhallfin

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur